**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' Ottubru, 2016

Rikors numru : 271/15 AL

**A B**
**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu, wara li ppremetta :

1. Din il-kawza tinsab differita ghall-4 ta' Marzu 2016; dakinhar il-kontendenti sejrin jidhru l-ewwel darba quddiem din il-Qorti;
2. Il-kontendenti ma humiex mifruda *de facto;*
3. Il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet hija essenzjalment komposta mis-segwenti attiv :
   (a) Id-dar matrimonjali gewwa 48, Triq Monsinjur F.X. Mangion, Siggiewi flimkien mal-mobbli kontenuti gewwa l-istess;
   (b) Dritt lokatizju fuq garage gewwa Triq Anton Vella, Siggiewi;

(c) Il-vettura tal-ghamla Alfa Romeo Gulietta, bin-numru ta' registrazzjoni 'DBX-312', regolarment misjuqa mill-intimata u dik tal-ghamla Nissan Juke, bin-numru ta' registrazzjoni 'DBT-454', regolarment misjuqa mill-esponenti;
(d) Diversi depoziti bankarji u investimenti f'isem il-kontendenti wahedhom u/jew flimkien;

L-istess komunjoni ma hija mghobbija b'ebda passiv;

4. L-iskop tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, li sejra tigi likwidata fis-sentenza definittiva ta' din il-Qorti, illum spicca ghal kollox; hija x-xewqa tal-istanti li dan l-istat ta' fatt jigi sancit legalment permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti;
5. Ghandu jkun inkontestat li ebda parti ma tista' tbati l-pregudizzju kontemplat fl-Art. 55 (4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jekk kemm-il darba l-komunjoni tal-akkwisti titwaqqaf qabel is-sentenza finali ta' din il-Qorti. Dan anke in vista tal-interpretazzjoni moghtija fil-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u tal-Qorti tal-Appell. [1]

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ai termini tal-Art. 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta :

1. Okkorrendo tappunta dan ir-rikors sabiex jinstema flimkien mal-procediment principali fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2016;
2. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkiwsti ezistenti bejn il-konjugi B;
3. Tiddikjara l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B spiccuta mill-jum li l-eventwali sentenza ta' din l-Qorti *in materia* tkun finali u konklusiva;
4. Tordna li beni li jibqghu formanti l-komunjoni tal-akkwisti jinqasmu mas-sentenza finali ta' din il-Qorti fir-rispett tar-rikors guramentat numru 271/15 AL fl-ismijiet premessi;

[1] Ara per ezempju : Qorti tal-Appell, 30 ta' Ottubru 2015, Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg v. Michael Lowell, senjatament pagni 3 u 11.

5. Tordna n-notifika tal-eventwali sentenza taghha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

1. ILLI peress li l-esponenti giet notifikata b'zewg rikorsi tal-attur, din hija risposta ghar-rikors tieghu rigward it-talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B;

2. ILLI flimkien mal-kaz odjern, hemm ukoll il-kawza fl-ismijiet inversi **Rita B vs A B** bin-numru 265/2015 AL;

3. ILLI l-esponenti giet notifikata bir-rikors *de quo* nhar il-Hamis 25 ta' Frar 2016 meta sabet ir-rikors fuq il-mejda id-dar taghha u dan peress li l-attur zewgha ffirma ghalih;

4. ILLI skont l-Artikolu 55 subinciz (4) tal-Kodici Civili, qabel il-Qorti ma tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda;

5. ILLI l-esponenti ssostni illi tali rikors intavolat mir-rikorrenti zewgha huwa ntiz precizament sabiex iqarraq biha, u b'zlealta' lejn din l-Onorabbli Qorti, inkluz li konvenjentament huwa ma semma' xejn li ghandu tifla, illum ghandha 10 snin, minn persuna ohra, liema tifla huwa qatt ma infurmaha dwarha hlief meta huwa ammetta maghha r-relazzjoni adultera li minnha twieldet it-tifla, li zammha mistura minnha u mit-tfal tieghu miz-zwieg tasl-esponenti (!), meta r-rikorrenti intavola r-rikors *de quo b'male fede* fuq tlett binarji:

    a) ILLI fl-ewwel lok, ir-referenza fir-rikors *de quo* ghad-dritt lokatizju fuq garage gewwa Triq Anton Vella Siggiewi m'huwiex intiz biss ghal lokazzjoni, izda l-konjugi B kienu konguntivament applikaw sabiex jixtruh, u dunque, r-rikorrenti qed jaghmel minn

kollox sabiex jakkwista dan il-garage li hemm cans jinxtara b'ammont sostanzjali inqas mill-valur attwali tieghu fuq is-suq minhabba skema tal-gvern;

b) ILLI fit-tieni lok, l-esponenti saret taf li r-rikorrenti zewgha ghandu diversi *cheques* mhux imsarfin li jammontaw ghall-madwar erbghin elf ewro (€40,000) u li addirittura, huwa ntavola r-rikors *de quo* sabiex hija ma jkollhiex is-sehem taghha ta' nofs dan l-ammont, u cioe ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) hekk dovut lilha legalment, u dunque r-rikorrenti qed jaghmel minn kollox sabeix jiddepozitahom wara s-sentenza dejjem jekk tinghata, ghall-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti, hekk mitluba mir-rikorrenti u dunque ikun jista' jgawdi wahdu is-somma ta' €40,000 fuq indikata, u b'hekk hi ma jkollhiex fuqha, meta tali qliegh huwa dak fiz-zwieg;

c) ILLI fit-tielet lok, l-esponenti qed tara ingustizzja kbira fejn hija se ssofri pregudizzju mhux proporzjonat, mhux biss fuq l-ewwel zewg binarji, fuq sollevati, izda fuq affarijiet li hi lanqas taf bihom peress li l-esponenti zewgha ghamel hajtu dejjem jahbilha, inkluz relazzjoni ex-maritali minn liema twieldet tifla u li ghandha ghaxar snin illum il-gurnata, li hija haga naturali li zewgha ghin lill-omm bintu finanzjarjament minn meta twieldet it-tifla, ghanjuna finanzjarja li ghad trid tigi esposta quddiem din l-Onorabbli Qorti peress li zewgha jichad li qatt ta' ghanjuna lill-omm bintu (!) ghaliha u ghall-bintu f'ammont li ghandhom mhux kwantifikati, kif ukoll relazzjoni adultera ohra illum il-gurnata;

6. ILLI tali terminazzjoni tal-kommunjoni tal-assi hekk mitluba mir-rikorrenti ser ikun a beneficcju tieghu biss, u a detriment tal-esponenti minhabba l-ingurja kbira u l-qerq li *b'mala fede*, r-rikorrenti zewgha qed jipprova jiskappola l-ligi nostrana (!) ... hbielha li ghandu tifla minn haddiehor, hbibielha ukoll x'ammonti huwa hallas lill-omm it-tifla fuq

medda ta’ 10 snin (!), u cioe bit-talba rikorrenti, l-esponenti tkun qed tbati pregudizzju mhux proporzjonat sabiex hija tkun tista tirkupri sehema;

7. ILLI ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet rikorrenti minhabba r-ragunijiet moghtija f’din ir-risposta, partikolarment ai termini tal-Artokolu 55(4) minhabba li l-esponenti ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda, u cioe’ sehemha minn dak kollu li zewgha hbielha, inlkuz ic-cheques li jammontaw ghal €40,000.

Tant ghandha x’tissottometti l-esponenti ghall-attenzjoni gentili ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez.

Illi r-rikors gie differit ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba sabiex, qabel ma tingħata s-sentenza finali ta’ separazzjoni personali, tiġi terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

<u>FATTI</u>

Ir-rikorrent jisħaq li m’hemm xejn xi jwaqqaf lil din il-Qorti milli tilqa` din it-talba tiegħu u dan *stante* li ħadd mill-partijiet m’hu ser ibati preġudizzju sproporzjonat, bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Min-naħa tagħha l-intimata topponi għat-talba għaliex tikkontendi li jekk il-Qorti tilqa` t-talba tiegħu, ir-rikorrent jista`:

1) Jakkwista waħdu u bi prezz irħis garage li l-partijiet għandhom dritt lokatizzju fuqu, u dana minħabba xi skema tal-Gvern;
2) Ikompli jaħbi l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, billi ma jiddepożitax ċekkijiet f'ammonti sostanzjali li jirrappreżentaw ħlas li jkun irċieva għal xogħol li għamel meta l-komunjoni tal-akkwisti kienet għadha viġenti; L-intimata tesebixxi kopja ta' sbatax-il ċekk intestati lir-rikorrent, u li jammontaw komplessivament qrib is-somma ta' €40,000, liema ċekkijiet ma ġewx minnu msarrfa jew iddepożitati[2];
3) Jkompli jaħbi mill-intimata l-għajnuna finanzjarja li ta u għadu jagħti lil omm wild ieħor (tifla) li għandu barra miż-żwieġ, bħalma ħeba minnha l-eżistenza ta' tali wild għal ħafna snin;

<u>PRINĊIPJI LEGALI: LIĠI U ĠURISPRUDENZA</u>

Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' sabiex f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata. Dana jistipula:
***"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."***

Din il-Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitlu 16 illi jistipula:
***"(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati***

[2] Fol. 68 et seq. tal-proċess

***preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

Il-Qorti tilqa' l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn fis-sentenza Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs. Michael Lowell[3] intqal *"Fil-fehma tal-Qorti, l-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti huwa maqsum primarjament f'żewġ stadji. Fl-ewwel stadju, l-Qorti teżamina jekk l-oġġezzjoni jew l-oġġezzjonijiet imressqa humiex oġġettivament rilevanti għall-finijiet stretti tal-artikolu 55 sub-inċiż 4. F'każ li l-oġġezzjoni tissupera l-ewwel għarbiel, jeħtieġ li l-Qorti tgħaddi sabiex tevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa sabiex tiddeċiedi jekk l-oġġezzjoni, oġġettivament rilevanti, hiex sorretta mill-provi u allura jekk l-intimata ippruvatx sodisfaċentement illi fl-ewwel lok ser tbati preġudizzju u fit-tieni lok, dejjem jekk jirriżulta preġudizzju, jekk tali preġudizzju hux proporzjonat jew le."*

Illi eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat". Dana ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet Jael Cassar vs. Robert Cassar[4].

Din il-Qorti ssegwi wkoll l-insenjament tal-Qorti tal-Appell, fejn ġie ddikjarat illi l-preġudizzju mhux proporzjonat għandu jiġi ppruvat minn min jallegah u dana ai termini tal-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li min jallega jrid jipprova ossia illi l-oneru tal-prova *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.

Fil-fatt, b'sentenza mogħtija fl-ismijiet Daniela Mizzi vs. Duncan Peter Mizzi[5] il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi:- *"In tema legali*

---

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-20 t'Ottubru 2015 (Rikors Numru 139/12 RGM)

[4] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta' Diċembru 2013, (Rikors Numru. 212/2009/2 RGM)

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-28 ta' Marzu 2014 (Appell Ċivili Numru. 257/2011/1)

*jingħad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbażata t-talba attriċi, jagħti l-fakolta' lil parti jew oħra li "f'kull żmien: matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata li tkun teżisti bejn il-konjuġi…….t-talba għall-waqfien m'għandiex tingħata jekk parti tkun ser issofri "preġudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwiżit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-prinċipju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

<u>APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI FIL-KAŻ ODJERN</u>

In vista tal-liġi u tal-ġurisprudenza li qed issir referenza għalihom, din il-Qorti sejra tikkonsidra jekk l-oġġezzjonijiet sollevati mill-intimata humiex tali li jissarrfu fi preġudizzju mhux proporzjonat u konsegwentement jiġġustifikaw iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrent għall-waqfa tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet.

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi t-tielet oġġezzjoni tal-intimata li hija relatata mal-allegazzjoni li r-rikorrent ħeba minnha l-fatt li huwa għandu tifla barra miż-żwieġ, fil-waqt li jista' jkollha relevanza kbira f'dak li jirrigwarda l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ bejn il-partijiet, hija għal kollox irrelevanti għall-finijiet tal-artikolu 55(4) ġja ċċitat u għalhekk l-istess oġġezzjoni qiegħda tiġi skartata minn din il-Qorti, ai fini tar-rikors odjern. Il-ħtija tat-tifrik taż-żwieġ tiġi eżaminata minn din il-Qorti fis-sentenza finali tagħha .

It-tieni lment tal-intimata huwa illi jekk it-talba tar-rikorrent tintlaqa', allura huwa ser ikun jista' jaħbi assi tal-komunjoni tal-akkwisti, u dana stante li qed iżomm mistur minnha ċertu introjtu li qiegħed jagħmel mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu. Il-Qorti ma taqbilx. Ir-rikorrent jista' jipprova jaħbi dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet sia jekk dina tiġi terminata u sia jekk le. Dak li qed tibża' minnu l-intimata ma jseħħx bħala konsegwenza li l-komunjoni tal-akkwisti tiġi terminata. F'dan l-istadju l-Qorti mhix ser tippronunzja ruħha

dwar il-*fondatezza u meno* tal-ilment tal-intimata, iżda hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-posizzjoni tal-attriċi fir-rigward ta' tali ilment, mhix ser tiddgħajjef bil-fatt li l-komunjoni tiġi terminata.

Illi appena huwa neċessarju jingħad illi l-pretensjonijiet tal-intimata fil-konfront tar-rikorrent dwar fondi li allegatament żamm moħbija minnha mhux ser ikunu kawtelati billi l-partijiet jinżammu marbutin b'reġim ta' komunjoni tal-akkwisti, iżda billi tieħu dawk ir-rimedji kawtelatorji li l-liġi tpoġġi għad-disposizzjoni tagħha. Dana kif intqal ukoll fis-sentenza ġia ċċitata Lowell vs. Lowell.

Il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet Josephine Mifsud vs. Mario Mifsud[6] fejn il-Qorti rriteniet illi l-biża li bit-terminazzjoni tal-komunjoni, l-konvenut ser ikun jista' aktar faċilment jaħbi assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti *"ma jikkwalifikax bħala preġudizzju mhux proporzjonat. Il-biża' tal-attriċi jista' jiġi indirizzat b'atti kawtelatorji li hija għandha għad-disposizzjoni tagħha. Il-kawża ilha pendenti mis-sena 2012 u għalhekk l-attriċi gia' kellha kull opportunita' li tressaq provi fir-rigward u tieħu l-azzjonijiet kawtelatorji kollha għaliha disponibbli."*

Inoltre din il-Qorti dejjem ikkunsidrat[7] illi dak li sal-lum huwa formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa` hekk sakemm ikun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u d-deċiżjoni dwar il-qasma tal-proprjeta` tal-partijiet. Dana qiegħed jingħad għaliex din il-Qorti tara li dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa biss li l-istess komunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-seħħ. Dan huwa konformi mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ritenut illi: *"Il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda preġudizzju għas-sehem tal-attriċi mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, għax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi għal futur u mhux għal dawk l-assi li diġa`*

[6] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Ottubru, 2014 (Rikors Numru. 133/2012/3RGM)

[7] Eżempju: Grima Christopher vs. Grima Liliana, Rikors Ġuramentat 85/2011AL

*daħlu u qegħdin fil-komunjoni* ***anke jekk ad insaputa tal-attriċi****.”*[8] [9]

Dana jingħad ukoll għar-rigward tal-ewwel oġġezzjoni mressqa mill-intimata, rigwardanti ix-xiri ta’ garage b’irħis taħt xi skema tal-Gvern. Jiġi fl-ewwel lok rilevat illi ma nġiebet l-ebda prova dwar din l-allegazzjoni. Illi jekk *se mai* huwa minnu li l-partijiet jistgħu ikun eliġibbli għal xiri ta’ garage taħt xi skema tal-Gvern, liema akkwist ikun intrisikament marbut mal-kirja tal-garage, allura jekk id-dritt lokatizzju sal-lum jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, l-benefiċċji marbuta mal-istess lokazzjoni jappartjenu wkoll lill-istess komunjoni u jibqgħu hekk sad-diviżjoni tagħha.

Għalhekk f’dan ir-rigward il-Qorti tipprovdi fis-sentenza finali meta tiġi biex ixxolji l-assi formanti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, wara li jkunu nġabru l-provi kollha.

Il-Qorti ma qegħda tara l-ebda ħtieġa li l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet tibqa’ in vigore millum ‘il quddiem. Għall-kuntrarju, huwa fl-interess tal-istess intimata illi ma jkunx possibbli għall-partijiet illi jgħabbu l-komunjoni bi djun mingħajr il-konsapevolezza tal-parti l-oħra. Kif stqarret l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża ċċitata *supra* Mizzi vs. Mizzi, ġie konsidrat li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser iġib benefiċċju inkwantu jevita li xi parti jew oħra tagħmel xi dejn li ‘l quddiem ikun jista’ jiġi imputat lill-komunjoni.

Il-Qorti tirrileva wkoll illi l-istess intimata talbet fir-rikors ġuramentat fl-ismijiet inversi[10], li huwa wkoll pendenti quddiem din l-istess Qorti, sabiex il-Qorti oltre milli tippronunzja s-separazzjoni personali tal-partijiet, tordna illi tiġi likwidata u xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.

Għar-raġunijiet suesposti, fil-fehma tal-Qorti, l-ilmenti tal-attriċi kif minnha esposti fir-risposta tagħha ma jammontawx għall-

---

[8] Lowell vs. Lowell *supra*
[9] Enfasi ta’ din il-Qorti
[10] Rikors Ġuramentat 265/15AL

"preġudizzju mhux proporzjonat" u għaldaqstant, peress li l-intimata m'hi ser tbati l-ebda preġudizzju mhux proporzjonat bit-terminazzjoni f'dan l-istadju tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, it-talba tar-rikorrent hija ġustifikata.

Jibqgħu impreġudikati l-pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin mertu tal-kawża odjerna u tal-kawża fl-ismijiet inversi.

**DEĊIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent hekk kif dedotta fir-rikors tiegħu datat is-17 ta' Frar 2016 u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana b'effett mill-jum illi din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

Bl-ispejjeż dwar din is-sentenza jiġu deċiżi mas-sentenza finali.

Ir-rikorrent għandu a spejjeż tiegħu jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza u dan fiż-żmien xahar millum.